**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI**

MALTA

**MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS**

*Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura*

*Department of Fisheries and Aquaculture*

24 ta' April 2020

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**Applikazzjonijiet għal Sajd rikreattiv tat-Tonn *Bluefin***

Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura jixtieq jinforma lill-pubbliku ġenerali li l-applikazzjonijiet se jkunu miftuħa għal dawk interessati li jipparteċipaw fis-sajd rikreattiv tat-tonn matul l-istaġun li ġej. L-istaġun tar-rikreazzjoni għat-tonn bluefin se jkun miftuħ mis-16 ta' Ġunju 2020 sal-14 t'Ottubru 2020 jew sakemm jiġu eżawriti l-kwoti rilevanti allokati.

Biex wieħed jipparteċipa fis-sajd rikreattiv tat-tonn, l-applikant għandu jkollu bastiment liċenzjat għas-sajd rikreattiv, skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali.

Applikazzjonijiet għas-sajd rikreazzjonali għat-tonn se jkunu disponibbli fuq **Mobile App** li se jkunu miftuħin **mis-27 ta' April sal-15 ta' Mejju 2020.**

Il-Mobile App tista' titniżżel mill-Google Play Store jew mill-Apple Store billi ssegwi dawn il-passi:

- Fittex għal Malta Sajd u Akkwakultura;
- Agħżel is-simbolu tal-ħuta ;
- Installa l-Applikazzjoni;
- Iftaħ l-Applikazzjoni;
- Agħżel "Tiġdid tal-Liċenzja tas-Sajd";
- Agħżel "L-Awtorizzazzjoni għar-Rikreazzjoni BFT"
- Imla d-dettalji kollha mitluba, u agħfas "Issottometti".
- F'dan l-istadju l-applikant għandu jirċievi e-mail li tikkonferma li l-formola tal-liċenzja ġiet sottomessa.
- Ladarba l-applikazzjoni tiġi aċċettata, l-applikant jista' jipproċedi biex iħallas il-ħlas amministrattiv ta' €20 billi juża l-istess app. L-istruzzjonijiet pass pass għall-ħlas se jiġu pprovduti fl-email tal-konferma.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura fuq it-telefon 22926888/6800 jew bl-email fuq infofisheries.mafa@gov.mt

Għammieri, Ngiered Road, Marsa MRS 3303
Tel: +356 2292 6800 / 2292 6888 Free Phone 80072240
Email: infofisheries.mafa@gov.mt